MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2014

Numru. 390/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs**

**Alistair Charles Stewart**

**Kumpilazzjoni Nru: 390/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Alistair Charles Stewart, ta’ 37 sena, iben il-mejjet Dennis u Julia nee’ Gaylard, imwieled Cheltnham, l-Ingilterra, nhar is-6 ta’ ta’ Ottubru, 1975 u residenti fil-fond Block D, Flat 6, Triq Kordin, Paola, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ Maltija numru 9788(A).

Akkuzat talli f’Dicembru, 2011 u fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer;

1. B’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda’ b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta.
2. Talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klwasoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.
3. Talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza, hekk kif imsemmi fl-artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
4. Talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi, ikkommetta serq ta’ cekk book tal-Bank of Valletta mahrug fuq kont bankarju numru 40010364877 bi hsara ta’ Michelina Bonnici u/jew l-eredi taghha.
5. Aktar talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi, fetah b’ghemil doluz jew gieghel li jinfetah xi oggetti postali li kellu jigi kkunsinnat, jew b’ghemil doluz ghamel xi atti li bih il-kunsinna dovuta ta’ oggetti postali, ma thallitx issir jew tigi mdewwma milli ssir, jew ikkomunika jew ghamel uzu minn informazzjoni li kiseb minn oggett postali li kien gie hekk miftuh.
6. U aktar talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta’ reat b’mod li setghu inbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat

kien sar hekk kif imsemmi fl-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat l-artikoli 110(2), 183, 184, 284, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 62(h) tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu hlif ghat-tieni wahda u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat li l-ufficjali prosekutur irtira t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-tratazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-prosekuzzjoni rtirat it-tieni imputazzjoni; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodifacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, il-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta tieghu; hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li c-cheque falsifikat qatt ma ssarraf ghalhekk il-flus qatt m'ghaddew fizikament fil-pussess ta' l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni li giet irtirata mill-prosekuzzjoni, wara li rat

l-artikoli 110(2), 184, 284, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 62(h) tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------